MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 903/2005

**Paul Buttigieg [ID 643444M]**

**Vs**

**Emanuel Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm188.65c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Fit-tieni eccezzjoni qal illi l-ammont mitlub huwa esagerat u li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"Kif rajtu gej faccata ghamilt li stajt biex nevitah, tfajt ezatt mal-hajt mal-bankina u kien niezel isuq u habat go fija minn wara."

Bhala hsara kellu r-*rear right wing*.

Mark Buttigieg li huwa s-sewwieq tax-xarabank DBY 346 qal:

"Kont niezel bin-nies u f'daqqa wahda nara lil din il-karozza tiela' *wrong side* bis-sahha minn isfel u ppruvajt niskapulaha, tfajt fuq il-bankina u laqatni b'wara tieghu ezatt kif kiser u meta hbatna hu caqlaq il-vettura."

Bhala hsara kellu l-*front bumper*, *front left wing* u l-*front right wing*.

Il-Warden qal:

"*Sketch* ma sarx ghax il-vetturi gew imcaqalqin. Kien hemm grif mal-hajt bl-oghli ezatt tal-*bumper* tal-linja, illi dawn jaqblu mal-marki li hemm mal-bus mal-left tal-*bumper*."

Ra x-xhieda ta' Patrick Vella fejn jghid illi Warden 155 m'ghadux jahdem bhala Warden.

Ra x-xhieda ta' Mark Buttigieg fejn jghid illi meta kien niezel fid-direzzjoni tac-Cirkewwa, ra karozza gejja b'velocita' qawwija minn faccata. Buttigieg jikkonferma li meta ra l-vettura l-ohra gejja minn faccata, hu tela' fuq il-bankina tax-xellug sabiex jevitaha.

Jghid illi l-karozza tal-konvenut telqitlu minn wara, daret u habtet ma' quddiem tal-karozza tieghu bil-parti ta' wara. Buttigieg jghid ukoll illi tant kien resaq mal-hajt fuq ix-xellug biex jevitaha illi kaxkar il-*bumper* kollu.

Jikkonferma li wara l-habta, l-konvenut baqa' tiela' 'l fuq.

Fil-kontro-ezami jghid illi fil-mument tal-habta hu kien wieqaf.

Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla li jahdem bhala Legal Affairs Executive ma' Citadel Insurance fejn jikkonferma l-verzjoni miktuba fil-*claim form* tal-konvenut.

Ra l-*claim form* tal-konvenut fejn jghid:

"I was driving in St Paul's Bay, going uphill, a bus came from the opposite direction and looking in the opposite direction I swerved to avoid him, but he lost control of the bus due to high speed and I mounted on the pavement to avoid him. He then drove the bus. Kindly note that the bus driver said that I moved the vehicle, but did not move and I have my wife as witness."

Ra li l-konvenut naqas li jixhed bil-gurament f'din il-kawza u m'hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tigi emnuta x-xhieda bil-gurament ta' Mark Buttigieg.

Ghaldaqstant billi l-verzjoni ta' Mark Buttigieg mhix kontradetta bix-xhieda, jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm188.65c) bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax mis-6 ta' Gunju, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------